

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-riorrenti tinvoka, essenzjalment, dan li ġej:

- żbalji proċedurali, sa fejn il-konvenuta għamlet “deal” mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-ġħajnuna mogħtija lil Flughafen Frankfurt-Hahn GmbH (iktar ‘il quddiem “FFHG”) u lil Ryanair;
- nuqqas ta’ teħid inkunsiderazzjoni ta’ elementi fattwali essenzjali, minkejja li l-konvenuta kellha għarfien sħiħ tagħhom fiż-żmien tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata;
- rappreżentazzjoni parżjalment inkorretta tal-fatti tal-kawża;
- nuqqas ta’ teħid inkunsiderazzjoni ta’ għajjnuna oħra favur FFHG li finalment ngħatat lil Ryanair bħala l-utent prinċipali tal-ajruport.

### Rikors ippreżentat fit-28 ta’ Marzu 2018 – Torrefazione Caffè Michele Battista vs EUIPO – Battista Nino Caffè (Battistino)

(**Kawża T-220/18**)

(2018/C 190/61)

*Lingwa tar-rikors: it-Taljan*

### Partijiet

**Rikorrenti:** Torrefazione Caffè Michele Battista Srl (Triggiano, l-Italja) (rappreżentanti: V. Franchini, F. Paesan u R. Bia, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Battista Nino Caffè Srl (Triggiano, l-Italja)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

**Proprietarju tat-trade mark kontenju:** ir-riorrenti

**Trade mark kontenju:** ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark figurattiva li tindika l-Unjoni Ewropea li tħalli l-element verbali “Battistino” – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 071 387 li tindika l-Unjoni Ewropea

**Proċedimenti quddiem l-EUIPO:** proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità

**Deċiżjoni kkontestata:** id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta’ Jannar 2018 fil-Każ R 400/2017-5

### Talbiet

Ir-riorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u konsegwentement tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità tat-trade mark ikkонтestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż ta’ din il-proċedura u għall-ispejjeż taż-żewġ proċedimenti preċedenti quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO u l-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO.

### Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 64(2), tal-Artikolu 60(1)(a), u tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament 2017/1001.